MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1636/2005

**James Camilleri & Sons Limited**

**vs**

**S & D Zammit Company Limited**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Awissu 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk tal-mandati u ta' l-ittra ufficjali.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u

702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet notifikata b'l-avviz fit-12 ta' Dicembru 2005, naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' mitta lira Maltija (Lm100) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------